MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 613/2004

**Alfen Trading Company Limited**

**Vs**

**Mark Rapa**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici li in forza tieghu talbet li l-konvenut ghandu jhallas is-somma ta' Lm165.50c (mija u hamsa u sittin lira Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti prezz ta' accessorji lilu kkonsenjati.

Ra r-Risposta tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li fl-ewwel lok, meta l-accessorji gew installati bdew jinharqu mal-ewwel u fit-tieni lok, il-prezz taghhom hu piu che eccessiv meta dawn

effettivament jiswew Lm40 (erbghin lira Maltin). Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi din il-kawza tirrigwarda bejgh ta' parts ta' magna ghal liema l-konvenut naqas li jhallas u ghal liema qed jallega li ma kienux ta' kwalita' tajba. Fil- fatt il-konvenut qal li:

"Il-part hadmet ghal xi gimaghtejn u mbaghad kelli l-istess problema."

Illi rigward dan, l-Artikolu 1424 tal-Kodici Civili jghid:

"Il-bejjiegh ghandu jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha u illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghaliha hija mahsuba."

L-Artikolu 1427 ikompli jzid illi f'kaz bhal dan imsemmi fl-istess Artikolu 1424 ix-xerrej jista' jaghzel l-azzjoni tieghu skond l-istess Artikolu. Li ma jistax jaghmel u li ma jiehu ebda passi u jistenna li l-venditur jibqa' minghajr hlas.

Fil-kawza **Busietta Vs Borg Cardona Appell 6/10/2000** gie ddikjarat:

"Li wiehed izomm ghandu l-oggett in vendita mhux agir kosistenti ma' azzjoni ntiza biex thassar dak il-bejgh; min irid imexxi bir-redeitorja irid jew jirritorna l-oggett lill-venditur jew jiddepozitah taht l-awtorita' tal-Qorti, izda ma jistax izomm l-oggett u jitlob li jithassar il-bejgh."

Illi l-konvenut m'ghamel xejn minn dan. Kif stqarr huwa stess il-parts li xtara minghand is-socjeta' attrici ghadhom fil-pussess tieghu u huwa qatt ma gab 'il quddiem ebda azzjoni legali kontra l-istess socjeta' attrici.

Illi l-konvenut ma jistax jippretendi li jiehu diversi drabi parts minghand is-socjeta' attrici u ma jhallasx taghhom.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Illi rigward it-tieni eccezzjoni, s-socjeta' attrici ppruvat li l-ammont mitlub huwa dovut permezz ta' invoices esebiti bhala Dok. EF u Dok. EF1.  Il-fatt li l-konvenut xtara l-istess parts minn persuna ohra bi prezz inqas ma jfissirx li l-ammont mitlub hu eccessiv.  Ghaldaqstant jichad it-tieni eccezzjoni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm165.50c (mija u hamsa u sittin lira Maltin u hamsin centezmu) bl-ispejjez kif mitluba fl-Avviz kontra tieghu.  Bl-imghax legali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------